MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 222/1994/1

**Josette Vella bhala direttrici ghan-nom u in rappresentanza ta’ Trafalgar Company Limited**

**vs**

**Francis Vella u Joseph M. Vella bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta’ Express Trailers Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Frar, 1994 s-socjeta` attrici ppremettiet illi hija kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta biex iggorrilha merkanzija mill-Italija ghal Malta, liema merkanzija kienet tikkonsisti f'porcellana u kellha tasal Malta minn Reggio Calabria fuq il-vapur Fast 3 fil jew madwar is-17 ta' Ottubru, 1993; illi s-socjeta` konvenuta kienet ghabbiet mid-ditta esportatrici Taljana minn Milan sbatax-il 'carton' ta' porcellana fuq trailer taghha sabiex jingarru fl-interess tas-socjeta` attrici; illi s-socjeta` konvenuta kkonsenjat lis-socjeta` attrici biss erbatax-il 'carton' merkanzija fis-26 ta' Ottubru, 1993 u dan billi kien hemm teltt 'carton' merkanzija nieqsa; illi bhala konsegwenza ta' dan in-nuqqas is-socjeta` attrici sofriet dannu; u wara dan talbet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta` attrici bin-nuqqas ta' konsenja ta' merkanzija fuq imsemmija kif fuq inghad;
2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici f'dak l-ammont li jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza;
3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni.

B'nota tal-25 ta' Marzu, 1994 il-konvenuti nomine eccepew:-

1. illi ma humiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-attrici nomine stante li l-merkanzija li ma gietx konsenjata giet misruqa minn terz/i skonoxxut/i fi zmien meta din kienet qeghda tigi trasportata lejn Malta wara li t-trailer li fih l-istess merkanzija kienet qeghda tigi trasportata gie sgassat u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attrici nomine;
2. illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici nomine trid tipprova d-danni minnha pretizi.

Illi fis-17 ta’ Frar, 1995 is-socjeta` konvenuta ppresentat nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fejn gie sottomess illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, fil-kaz li l-konvenuti eccipjenti nomine jinsabu responsabbli ghall-akkadut, r-responsabbilita` taghhom hija limitata ai termini tal-kuntratt tal-garr u l-artikolu 23 tal-Konvenzjoni fuq il-Kuntratti dwar il-garr Internazzjonali ta’ Merkanzija bit-Triq.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tad-9 ta’ Ottubru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-vertenza ta’ bejn il-kontendenti billi filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet originali u dawk ulterjuri sollevati mill-konvenuti nomine, laqghat it-talbiet attrici kif dedotti, b’dana li ghall-fini tat-tieni talba llikwidat l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ LM1,985.16. Fis-sentenza taghha dik il-qorti kkundannat ukoll lill-konvenuti nomine jhallsu l-ispejjes kollha tal-kawza.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti sabet li s-socjeta` konvenuta “*bl-ebda mod ma ppruvat sodisfacentement li sehhet tassew xi serqa f’dan il-kaz jew li kien hemm xi forza magguri li fuqha hija ma kellhiex kontroll*” u dana billi rriteniet li x-xhieda ta’ Michele Xuereb, is-sewwieq tat-trailer li kien qed jgorr il-merkanzija, ma kienetx kredibbli anke wkoll billi ma kien sar ebda rapport tal-allegata serqa lill-Pulizija Taljana a tempo debito. Barra minn hekk l-ewwel qorti, kuntrarjament ghal dak li kien qed jigi eccepit mis-socjeta` konvenuta, rriteniet li r-relazzjonijiet kuntrattwali ta’ bejn il-kontendenti kienu regolati bill-provvedimenti tal-Kodici Civili kif insibuhom fl-artikoli 1628 sa 1632 li jitkellmu fuq il-Vetturali bl-Art jew bil-Bahar. Ghalhekk skartat is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta dwar l-applikabilita` tal-Konvenzjoni fuq il-Kuntratti dwar il-Garr Internazzjonali ta’ Merkanzija bit-Triq stante li, fi kliem l-istess sentenza, “*Ma jirrizultax li sar xi ftehim f’dan il-kaz permezz ta’ kuntratt li jaghmel referenza ghal dik il-Konvenzjoni citata mill-konvenut nomine.”*

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors tat-30 ta' Ottubru, 2000 interponiet appell lil din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li tigi revokata s-sentenza fuq imsemmija u minflok din il-Qorti tichad t-talbiet tas-socjeta` attrici u konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

B'risposta tas-17 ta' Novembru, 2000 l-attrici nomine talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tas-socjeta` konvenuta jigi michud billi tigi konfermata s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta resqet erba' aggravji ghas-sentenza fuq citata li pero' jistghu jigu migbura taht zewg kapi, u cioe`:-

a) In-nuqqas ta' responsabbilita` ghad-danni.
b) Ir-responsabbilita` limitata.

**Responsabbilita`.**

Din il-kawza tikkoncerna talba ghall-hlas ta' danni rizultanti lis-socjeta` attrici billi s-socjeta` konvenuta naqset milli tikkonsenjala l-merkanzija kollha li din kienet ikkuntrattat li ggor minn Milan lejn Malta permezz ta' Groupage Container. Dan il-fatt mhux kontestat, u anke jirrizulta ampjament mill-provi akkwisiti li effettivament waslu Malta 14 minn 17 il-kaxxa destinati lis-socjeta` attrici. Dan in-nuqqas irrizulta waqt id-"destaffing" tal-container fil-Bonded Stores tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici ghalhekk talbet li s-socjeta` konvenuta appellanti taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas billi thallas l-"Invoice value" tal-merkanzija li ma kienetx giet kkonsenjata kif ukoll tirrifondilha d-dazju mhallas fuq l-istess u l-ispejjes tal-garr.

Is-socjeta` konvenuta mhux qed taccetta responsabbilita` ghal dan in-nuqqas u konsegwenti danni reklamati billi qed tghid li hija qdiet l-obbligi taghha bl-ahjar mod possibbli u li l-merkanzija giet nieqsa bhala rizultat ta' serqa li sehhet waqt li t-trailer kien fit-tragit bejn Milan u Malta. In sostenn ta' dan is-socjeta` konvenuta resqet ix-xhieda tal-impjegat taghha Michele Xuereb, ix-xufier tat-trailer, li rrakkonta l-incident li sehh meta huwa kien rieqed fil-gabina tat-trailer waqt li dan kien wieqaf ipparkjat gewwa service station fl-inhawi ta' Firenze.

L-ewwel qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti dehrilha li ma kellhiex taghti affidament lix-xhieda ta' Michele Xuereb billi, skond l-istess qorti, irrizultaw diversi nkonsistenzi fil-verzjoni li ta. Kien ghalhekk li l-ewwel qorti waslet ghall-konkluzzjoni li "*is-socjeta` konvenuta bl-ebda mod ma ppruvat sodisfacentement li sehhet tassew xi serqa f'dan il-kaz jew li kien hemm xi forza magguri li fuqha hija ma kellhiex kontroll."* In konkluzzjoni u a bazi ta' dan l-ewwel qorti qalet li "*Ghalhekk ir-responsabbilita` legali ghall-akkadut hija taghha u s-socjeta` konvenuta ghandha kwindi twiegeb ghad-danni kagunati.*"

Fid-dibattitu quddiem l-ewwel qorti l-partijiet urew nuqqas ta' ftehim dwar liema ligi ghandha tirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, u cioe` jekk kellhomx japplikaw ir-regoli tal-Kodici Civili dwar il-Vetturali fuq imsemmija jew l-Konvenzjoni maghrufa bhala s-CMR Convention. Dan in-nuqqas ta' ftehim, li finalment gie determinat fis-sentenza ta' l-ewwel qorti li abbraccjat is-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici fis-sens li kellhom japplikaw l-principji tal-Kodici Civili, ghandu aktar rilevanza ghall-kwistjoni tal-quantum tad-danni milli ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta ghall-akkadut. Dan qed jinghad billi minn ezami tal-provvedimenti relattivi fil-Kodici Civili kif ukoll fis-CMR Convention, jidher car li, ghalkemm ir-regola generali hija li l-"carrier" huwa responsabbli ghal dak li jitpogga taht il-kustodja tieghu, l-istess "carrier" ma jistax jinstab responsabbli meta l-hsara tigri bhala rizultat ta' forza magguri jew minhabba cirkostanzi "which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent."

Ghalhekk jidher li r-responsabbilita` tal-"carrier" mhux wahda ta' "strict responsibility" u sabiex il-qorti tiddetermina r-responsabilita` tal-"carrier" trid tara jekk effettivament kienx hemm xi nuqqas da parti tieghu. Infatti fil-paragrafu (3) tal-Artikolu 17 tas-CMR Convention insibu elenkati uhud mic-cirkostanzi meta l-"carrier" ghandu jirrispondi ghad-danni billi jinghad li "*The carrier shall <u>not be relieved of liability</u> by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter.*" Similment l-artikolu 1630 tal-Kodici Civili li jitkellem dwar l-obbligi ta' min jassumi l-garr bl-art jew bil-bahar jghid espressament li dawn "*huma obbligati ghat-telf tal-haga fdata lilhom, u ghall-hsarat li jigru fiha <u>meta ma jippruvawx li l-haga ntilfet jew gratilha hsara b'accident jew b'forza magguri u minghajr htija taghhom.</u>*"

Il-kwistjoni tar-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta ghalhekk tistrieh fuq jekk l-hsara gratx bhala konsegwenza ta' xi nuqqas taghha jew jekk din kienetx rizultat ta' fatt barra mill-kontrol taghha u indipendenti mill-volonta` taghha.

Is-socjeta` konvenuta qed tichad ir-responsabbilita` taghha ghad-danni billi qed jinghad li l-merkanzija naqset matul is-serqa li allegatament sehhet fil-lejl ta' meta it-trailer kien ipparkjat gewwa "service station" fid-dintorni ta' Firenze. Issa ma hemmx dubbju li serqa fuq l-autostrada tirraprezenta cirkostanza barra mill-kontrol tas-socjeta` konvenuta u jekk tirrizulta tali serqa u ma tirrizultax xi negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta jew l-impjegat taghha, din l-eccezzjoni ghandha tirnexxi.

Illi kif sewwa gie rilevat mill-konvenut appellant fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu a fol 218 tal-process, ic-cirkostanzi ta' meta sehhet is-serqa jindikaw li is-sewwieq uza dik il-prudenza, diligenza u attenzjoni mistennija minn bonus pater familias billi ha hsieb li t-trailer jkun imsakkar b'katnazz 'heavy duty', meta waqaf biex jistrieh ipparkja t-trailer gewwa 'service station' appozitu, fejn ukoll kien

hemm numri kbir ta' vetturi simili, u sahansitra raqad fil-gabina tat-trailer. Dan l-agir juri certa responsabbilita` da parti tas-sewwieq tat-trailer u huwa indikattiv ta' l-esperjenza tieghu fi vjaggi simili fejn l-possibilita` ta' serq mhix daqstant remota.

Tibqa' ghalhekk il-kwistjoni jekk verament sehhet is-serqa li s-socjeta` konvenuta qed tghid li grat. Irid hawn jigi rilevat li l-uniku xhud ta' dan il-fatt kien l-impjegat tas-socjeta` konvenuta Michele Xuereb. Dan mhux biss ghax ma kien hemm hadd iehor mieghu izda ukoll billi, kif ser naraw, ma sar ebda rapport lill-pulizija Taljana ta' dak li allegatament gara.

Dwar l-kredibilita` o meno tax-xhud Michele Xuereb din il-Qorti thoss li huwa rilevanti dak li xhed Francis Vella dwaru u cioe` li dan kien ilu impjegat maghhom ghal hmistax il-sena, kien bniedem ta' esperjenza u tul l-impieg tieghu is-socjeta` konvenuta qatt ma kellha xi problemi bhal dawk mertu ta' din il-kawza. Dak allegat mir-rappresentanti tas-socjeta` attrici fl-affidavit taghha a fol 213 tal-process dwar xi serqa sussegwenti u t-tkeccija ta' Michele Xuereb mill-impieg, fl-assenza ta' provi konkreti tibqa` biss allegazzjoni. Anzi din l-allegazzjoni tidher kontradetta mis-socjeta` konvenuta billi Francis Vella, id-direttur tal-istess socjeta`, stqarr li dan Xuereb ghadu impjegat maghhom. Issa huwa fatt li merkanzija trasportata fuq il-kontinent hija soggetta ghas-serq, liema serq generalment jsir meta l-vetturi li jkunu qed igorru l-merkanzija jkunu parkeggati f'hinijiet ta' mistrieh tad-drivers. Dawn il-hallilin, kif sewwa osserva ix-xhud Xuereb, huma generalment attirati minn merkanzija ta' "high value content" bhal ma huma televisions, Hi-Fi, computers u effetti simili. Ix-xhud Xuereb jghid li huwa ipparkja fis-"service station" biex jorqod u kien filghodu ghall-habta tas-7.30 a.m. li sema hoss fuq il-wara tat-truck. Huwa dak il-hin ma nizilx billi beza izda meta aktar tard nizel mil-gabina sab li l-katnazz kien maqtuh u ghalhekk issuspetta li kienet saret xi serqa. Xuereb ghalhekk ezamina l-kontenut tat-trailer u billi kien jidher li l-kaxxi kienu jaslu sal-bieba tieghu, ma kienx cert jekk il-hallilin hadux xi affarijiet. Ghalhekk sakkar it-trailer u saq

lejn Reggio Calabria biex jaqsam lejn Malta, wara li waqaf temporanjament f'Napli biex jiekol u minn fejn ukoll cempel lid-direttur tas-socjeta` konvenuta biex jirrakontalu dak li kien garalu.

Is-socjeta` attrici qed isostni li l-impjegat tas-socjeta` konvenuta ma ssodisfax il-vot ta' diligenza rikjesta mil-ligi billi wara l-akkadut ma poggiex katnazz iehor minflok dak li kien tqaccat u ma ghamilx rapport lill-pulizija. Din il-Qorti ma tara ebda rilevanza ta' dawn il-fatti mal-kwistjoni ta' responsabbilita` o meno tas-socjeta` konvenuta. Fl-ewwel lok kull nuqqas ta' Xuereb li ma jpoggix katnazz iehor minflok dak li tqaccat, kienet anterjuri ghall-akkadut li ta' lok ghad-danni reklamati u tali nuqqas seta' se mai kien ikun relevanti jekk sehhet xi serqa ohra fit-tragitt bejn Firenze u Malta. Izda qatt ma tista` tirrifletti hazin fuq l-agir tas-sewwieq qabel l-akkadut. Dwar l-assenza ta' rapport lill-pulizija din il-Qorti hija sodisfatta b'dak li qal l-istess Xuereb u cioe` li fl-ewwel lok mill-apparenza tal-kontenut tat-trailer wara l-allegata serqa ma kienx jidher li naqset xi merkanzija u ghalhekk is-sewwieq seta` hass li l-intervent tal-pulizija, bid-dewmien li dan igib, ma kienetx tant mehtiega. It-tieni raguni l-ghala Xuereb ma ghamilx rapport u cioe` li beza li t-tghabija ta' parti mit-trailer konsistenti f'television u effetti simili setghet tigi divulgata lill-kriminali mill-istess pulizija, hija apprezzament personali tas-sitwazzjoni minn persuna li ilha fil-mistier u li bl-ebda mod ma ghandha tigi mwarrba.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li x-xhieda ta' Michele Xuereb dwar is-serqa li sehhet matul il-vjagg in kwistjoni ghandha tinghata kredibilita` u b'hekk jirrizulta li effettivament kien hemm cirkostanzi barra l-kontroll tas-socjeta` konvenuta li jwasslu ghan-nuqqas ta' responsabbilita` taghha ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici.
In vista ta' dan li inghad hawn fuq din il-qorti ma tarax l-utilita` li tezamina l-aggravji l-ohra mressqa mis-socjeta` konvenuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa` l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tiddikjara li s-socjeta`

konvenuta ma kienetx responsabbli fil-konfront tas-socjeta` attrici ghad-danni rizultanti minn nuqqas ta' konsenja ta' merkanzija u b'hekk tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm tal-prim istanza kif ukoll dawk ta' dan l-appell, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------